FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001

**Numru 15**

**Avviz. numru 688/01JR**

**Anthony Zerafa**

**vs**

**Sovereign Hotels Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' elf tlett mija wiehed u erbghin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm1341.77), Dok.A, rapprezentanti xogholijiet ta' tindif fil-Windsor Hotel, Sliema, liema xogholijiet gew ezegwiti fuq inkarigu ta' l-istess konvenut.**

**Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra interpellatorja datata 10 ta' Lulju, 2001, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota tas-socjeta` konvenuta prezentata fil-5 ta' Ottubru, 2001, li biha**

**l-istess socjeta` ammettiet it-talba attrici kif dedotta.**

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni t-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta' elf tlett mija wiehed u erbghin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm1341.77), bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Novembru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**